**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**(Avukat Sean Azzopardi)**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 506/2022**

**Illum, is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -**Omissis**- detentur tal-karta tal-identità -Omissis- akkuzat talli:

1. Talli fis-sena 2019 u fis-sena 2020, gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi

zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' -Omissis- imwielda nhar -Omissis-, persuna ta' taht is-sittax-il sena, liema persuna ta' taht l-eta' hija persuna vulnerabbli stante li hija persuna ta' taht il-hmistax-il sena;

*Artikoli 18, 204C(1); 208AC(1)(b)(2)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. Talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi b'ghemil zieni, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkorrompa lil -Omissis- imwielda nhar -Omissis-, persuna ta' taht is-sittax-il sena, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-età ta' tnax-il sena; *Artikoli 18; 203(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv u dan wara li nghata sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

*Artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta waqt il-mori tal-proceduri u f'kaz ta' htija ai termini tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta favur il-minuri -Omissis- u l-genituri taghha;

*Artikoli 383, 384, 385, 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi registrata ai termini tal-Artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

*Artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta*

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb li hu hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u fl-istess udjenza talab li jithejja *pre sentencing report* sabiex tigi stabbilita l-livell ta' maturità bejnu u l-minuri.

Semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation **Maria Mifsud** fejn din spjegat kif l-imputat beda jabbuza mid-droga minn mindu kellu disa' snin u dan minhabba abbuzi li kienu jsiru fil-familja tieghu. Fil-fatt hija spjegat illi ghal dan il-ghan l-imputat ghandu diversi kawzi fil-Qorti. Tghid illi fil-prezent

huwa jinsab fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin fejn sejjer tajjeb hafna u jattendi kull attività li jista' jattendi fosthom dawk edukattivi. A rigward il-minuri din tghid illi taf li r-relazzjoni ta' bejnha u l-imputat kienet wahda kunsenswali fil-fatt huma kienu jiffrekwentaw il-familji ta' xulxin izda meta ppruvat tkellimha mill-ewwel qabzet ommha u qatghatilha fil-qasir. Fil-fatt tghid illi hija ma setghetx tikkompila xejn fil-konfront taghha. Fir-rapport taghha li huwa mmarkat bhala Dok. MM1 li jinsab a folio 37 et seq., hija tghid fuq il-minuri:

> *"Harsa lejn il-minuri, fil-05 t'April 2023, l-Ufficjal tal-Probation ghamlet kuntatt ma' omm il-minuri bl-isem ta' -Omissis-. Hija tkellmet mal-Ufficjal fejn ghamlet il-mobile fuq loud speaker minhabba li kien hemm bintha hdejha. -Omissis- qalet li dan ma kienx kaz ta' rape. L-omm qalet li -Omissis- ridt li jkollu x'jaqsam mat-tifla imma binta meta ma hallitux, qatta' qalbu. Gie nnutat li l-omm ma tatx spazju lill-binta sabiex titkellem. Fit-13 t'April 2023, l-omm u l-bint inghataw appuntament gewwa l-ufficcju tal-Probation, biss huma ma attendewx. L-omm waqt korrispondenza mal-Ufficjal tal-Probation spjegat li binta ma riditx tigi ghall-appuntament. L-omm qalet li hija mhu qed tistenna*

*xejn minn dan il-kaz. Hija qalet li rape ma kienx hemm biss, hegget lil omm il-vittma sabiex tiehu lil binta ghal ghajnuna psikologika jew inkella Child and Young People's Services, CYPS".*

Illi finalment, bhala rakkomandazzjoni l-Ufficjal tal-Probation irrakkomandat illi l-imputat jinghata Ordni ta' Probation sabiex ikompli jahdem fuqu u jkompli jaghmel progress.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat -Omissis- qed jigi akkuzat bir-reati ta' korruzzjoni ta' minorenni u b'attivitajiet sesswali ma' minuri taht l-età ta' sittax (16)-il sena. Illi dawn id-dispozizzjonijiet jipprovdu s-segwenti:-

*"204C (1) Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

*203. Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' that is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin:"*

Illi mbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

> *"Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi."*

Illi jirrizulta mill-atti li l-perjodu ta' meta sar ir-reat il-minuri kellha tnax (12)/tlettax (13)-il sena filwaqt li -Omissis- kellu hmistax (15)/sittax (16)-il sena. Ghalhekk, filwaqt li l-imputat kien ghadu minorenni, id-differenza ta' età ta' bejniethom kienet biss ta' erba' (4) snin. Jirrizulta wkoll illi omm il-minuri kienet konxja tar-relazzjoni li kien hemm bejniethom ghalkemm tghid illi ma kinitx konxja li din ir-relazzjoni kienet wahda sesswali.

A rigward il-maturità tal-minuri -Omissis- semghet lill-psikologa **<u>Chiara Dimech</u>** fejn din tghid illi ma tqisx lill-minuri bhala mmatura anke jekk fil-familja taghha kien hemm livell baxx ta' edukazzjoni.

Finalment semghet it-testimonjanza sija ta' omm il-minuri u cioè **<u>-Omissis-</u>** kif ukoll dik tal-istess minuri **<u>-Omissis-</u>** fejn hareg illi ghal bidu tar-relazzjoni kien ikun hemm biss

bews u tghanniq imma mbaghad it-testimonjanza taghha tkompli b'mod vag u evaziv fejn tghid illi hija qatt ma kellha x'taqsam mal-imputat u li hija kienet vergni.

Illi gialadarba din il-Qorti ma emmnitx il-verzjoni tal-minuri, innominat lill-ginekologista Dr Astrid Camilleri fejn ezaminat lill-minuri -Omissis- u sabitha li ma kinitx vergni u li hija sesswalment attiva (Dok. AC1). Din qaltilha wkoll illi kellha x'taqsam sesswalment mal-imputat u fejn hija ma kinitx riedet imbaghad qatghet qalbha u kompliet.

Illi ghalhekk, tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, tenut kont illi l-imputat kien ghadu minorenni fid-dati tal-akkuzi u tenut kont anke c-cirkostanzi tal-kaz u specjalment wara li semghet id-depozizzjoni tal-minuri thoss li ghandha tibqa' fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-ufficjal tal-Probation.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta illi s-subinciz (3) ghandu japplika f'dan il-kaz fiz-zewg akkuzi kontra l-imputat, u din il-Qorti ser tapplikah meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja kif inghad hawn fuq anke jekk l-imputat qed jirrinfaccja wkoll l-addebitu tar-recidiva li minn issa qed jinghad li mhux ser tinfliggi l-awment fil-piena ghal dan l-aggravju.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 31, 49 u 50, 203(1)(3), 204C(1) u (3) u 208AC(1)(b)(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **-Omissis-** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li l-ewwel (1) akkuza hija mezz ghal fini tat-tieni (2) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin mil-lum u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet lill-imputat, jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**